0

**KUMITAT AMMINISTRATTIV KAPPARA**

---

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUMITAT**

**IT-TIENI LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU 19 – L-ERBGĦA, 12 TA’ JANNAR 2016 FIS-6.10PM**

Il-Kumitat iltaqa’ fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti | Stefan Bonello Ghio | Chairperson |
| | Dr Frank Bartolo | Viċi Chairperson |
| | Robert Vella Bonnici | Membru |
| | Alfred Mangion | Membru |
| | Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużati | Simon Ellul Sullivan | Membru |

**1 Approvazzjoni tal-Minuti Numru 18**

1.1 Ma kienx hemm korrezzzjoni fil-minuti. Is-Sur Alfred Mangion ippropona li jiġu approvati l-minuti. Dr Robert Vella Bonnici ssekonda. Kien hemm qbil unanimu.

**2 Komunikazzjoni miċ-*Chairperson***

2.1 Ġew innutati l-financial allocation għas-sena 2016 għal Kappara.

2.2 Kien hemm diskussjoni rigward id-draft tal-locality maps li ser jeħlu fil-Kappara. Kien hemm bżonn xi tibdil żgħira. Ġie deċiż li tinħareġ il-Purchase order skont l-istima.

2.3 Ġie innutat li għad hemm xi xogħlijiet pendenti fil-Ġnien G M Camilleri.

2.4 Il-Kumitat jilqa’ bi pjaċir l-aħbar li ser ikun hemm aċċess għal Wifi fi Ġnien G M Camilleri. Il-Kumitat għandu wkoll jipproponi xi siti għal meta jsiru CCTV.

2.5 Kien hemm qbil li tintbagħat reminder lis-Sur James Piscopo TM rigward xogħol ta' resurfacing ta' Triq il-Ġojjin.

2.6 Kien hemm qbil li l-laqgħa annwali tal-kumitat issir it-Tlieta, 9 ta' Frar 2016 fis-7.00pm.

## 3 Affarjiet oħra

3.1 Dr Frank Bartolo ppropona li għandhom jibdew jiġu refreshed il-marki tat-Toroq il-Falkun, il-Gardell, il-Ħuttaf, l-Alwett, il-Malviz, il-Virdun u Despott. Kien hemm qbil fuq dawn.

3.2 Is-Sur Alfred Mangion informa lill-Kumitat li hemm bżonn jiġu rranġati xi linji tat-traffiku fi Triq ir-Rondun. Kien hemm qbil fuq dan. Tkellem ukoll fuq ir-rampi li saru fl-istess triq. Ġie deċiż li dawn jibqgħu kif huma bħalissa.

3.3 Il-Kumitat irċieva rapport li hemm karozza abbandunata fl-għalqa li hemm wara Triq il-Gardell. Ġie deċiż li tiġi identifikata din il-karozza u jsir rapport lill-Pulizija.

Il-laqgħa spiċċat fis-7.30pm. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tlieta, 9 ta' Frar 2016 fis-6.00pm.

| | |
|---|---|
| **Kurt Guillaumier** | **Stefan Bonello Ghio** |